MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 641/2004

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177)**

**Vs**

**Victor Borg (ID 576459 M) u martu Maria Victoria Borg (ID 715254 M), debituri principali u Joseph Borg (ID 69661 M) u martu Rita Borg (ID 129258 M), garanti solidali.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenuti Victor u Maria Victoria Borg huma debituri tal-Bank attur fl-ammont ta’ tnejn u tletin elf, erba’ mija hamsa u tletin lira (Lm32,435) dovuti lill-istess Bank ghall-bilanc

ta’ self (Loan Account numru “011-086253-300), skond kuntratt tan-Nutar Pierre Falzon tal-24 ta’ Lulju, 1998 (Dok. A), oltre l-imghax mit-28 ta’ Ottubru, 2002, kif jidher mill-Istatement hawn anness (Dok. B);

Premess li l-konvenuti l-ohra Joseph u Rita konjugi Borg ikkostitwew ruhhom garanti solidali bejniethom flimkien mal-konvenuti l-ohra Victor u Maria Victoria konjugi Borg, debituri principali favur il-Bank attur skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Jonathan Zammit tat-3 ta’ Lulju, 2002 (Dok. C);

Premess illi l-konvenuti ghalkem interpellati ghal hlas baqghu inadempjenti;

Is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti:

Tikkundanna lil konvenuti kollha solidalment bejniethom ihallsu lill-istess Bank attur is-somma ta’ Lm32,435 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax fuq l-imsemmija somma mit-28 ta’ Ottubru, 2002 sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma r-rapprezentanti guridici ghadhom minn issa ngunti ghas-subizzjni.

Rat id-dikjarazjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat il-verbal tallum stess fejn dehru l-konvenuti debitament assistiti f’seduta stante u ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni u bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------